MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 59/2009

**Francis Zammit u Emmanuela Zammit**

**vs**

**Charles *sive* Carmel Sant u Priscilla Sant ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors gurament ta' Francis Zammit (575750M) datat 22 ta' Jannar 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi l-esponent Francis Zammit ghamel negozju mal-intimat Carmel Sant li permezz tieghu akkwista minghand l-istess intimat diversi ingenji tax-xoghol.

Illi fost dawn l-ingenji, l-intimat biegh lill-esponent trakk Leyland Roadtrain, bin-numru tar-registrazzjoni GAD 249, bil-prezz ta’ Lm3000 (ekwivalenti ghal €6,988.12).

Illi l-esponent applika biex ir-registrazzjoni ta' dan it-trakk iddur minn fuq isem l-intimat ghal fuq ismu.

Illi irrizulta fil-kors tal-process tar-registrazzjoni li n-numru *tac-chassis* indikat fuq il-magna tal-imsemmi trakk huwa differenti min-numru tac-*chassis* ufficjalment registrat fil-*Vehicle Registration Certificate* relattiv.

Illi wara l-verifiki opportuni, fit-3 ta' Novembru 2008, l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta kkonfermat dan id-difett serju fit-trakk Leyland Roadtrain bin-numru ta’ registrazzjoni GAD 249, u minhabba f’hekk irrifjutat li tapprova t-trasferiment tieghu ghal fuq isem l-esponent, b’mod li dan it-trakk ghadu registrat u licenzjat f’isem l-intimat.

Illi dan id-difett mohbi fit-trakk imsemmi jaghmlu mhux tajjeb ghall-esponent u ghall-uzu li ghalih xtrah minghand l-intimat.

Illi *inoltre*, il-kunsens tal-esponent ghal dan l-akkwist gie moghti bi zball dwar is-sustanza nfisha tal-istess trakk, jew mehud b’ghemil doluz mill-intimat, kif jirrizulta fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skont il-ligi, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-trakk Leyland Roadtrain bin-numru tar-registrazzjoni GAD 249 huwa affett minn difett serju mohbi illi jaghmlu mhux tajjeb ghal uzu li ghalih kien mahsub.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens tal-esponent Francis Zammit ghall-akkwist tal-imsemmi trakk Leyland Roadtrain kien moghti bi zball, jew mehud b'ghemil doluz, u ghalhekk ma jiswiex.

3. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li l-ftehim li permezz tieghu l-esponent akkwista t-trakk Leyland Roadtrain bin-numru tar-registrazzjoni GAD 249 minghand l-intimat huwa null u bla effett.

4. Tiddikjara li l-intimati ghandhom iroddu lura lill-esponenti l-prezz ga mhallas lilhom ghat-trakk imsemmi, flimkien mal-ispejjes konnessi mal-bejgh u d-danni, jekk ikun il-kaz.

5. Tillikwida s-somma hekk dovuta lill-esponenti mill-intimati, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominand.

6. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 2008, u bl-imghaxijiet kummercjali skont l-**artikolu 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc** mill-imsemmija data, kontra l-intimati, li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 2009.

Rat ir-risposta ta' Charles u Priscilla konjugi Sant datata 5 ta' Marzu 2009 a fol 9 tal-process fejn bil-gurament Charles Sant (Karta tal-Identita` Nru I65678M) espona: -

1. Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti, presumibilment l-*actio irdhibitoria ai termini* tal-**art. 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, din hija preskritta *ai termini* tal-**art. 1431** kif jista' jigi facilment pruvat mill-eccipjent.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess ma kien jezisti ebda difett mohbi fil-vettura GAD 249 meta din giet ikkonsenjata lir-rikorrenti, u li r-rikorrenti ghamlu l-verifiki kollha necessarji fuq l-istess vettura qabel ma sar it-trasferiment.

3. Illi t-talbiet rikorrenti huma assolutament bla bazi kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt *stante* li mhux minnu li l-kunsens ta r-rikorrenti gie karpit b'qerq jew minhabba zball sostanzjali. *Di piu`* la jezistu l-estremi tal-qerq u lanqas tal-izball sostantiv. Il-verita` hi ben xort'ohra in kwantu r-rikorrenti bdew jippretendu tnaqqis fl-ammont stipulat ghax-xiri minnhom tal-vettura, makkinarju u attrezzaturi.

4. Illii *inoltre* r-rikorrenti qatt ma hallsu l-ammont miftiehem ghall-vettura GAD 249 u ghalhekk ma jistghux jippretendu r-rifuzjoni ta' pagament li qatt ma sar. Illi effettivament ir-rikorrenti ntavolaw din il-kawza wara domandi ripetuti ghall-hlas da parti tal-eccipjenti.

5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol 10 tal-process.

Rat **kontro-talba** tal-konvenuti rikonvenzjonati Charles Sant u Priscilla Sant (karti tal-identita numri 165678M u 0054984M) a fol 12 tal-process fejn bil-gurament tieghu Charles Sant iddikjara li jaf personalment: -

Illi hu jahdem fis-sengha tal-bini u skavar u ghal dan il-ghan jutilizza ingenji u makkinarji adattati ghal dan ix-xoghol.

Illi hu kien xtara il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAD 249 xi erba' snin ilu, meta l-vettura kienet klassifikata bhala "Mechanical Horse". Illi hu segwa l-proceduri necessarji sabiex l-vettura tigi kkonvertita u klassifikata bhala "tipper" u dana in konformita tal-ligijiet u regolamenti

ezistenti u bil-permess u l-verifiki tal-awtoritajiet kompetenti.

Illi l-konvenut rikonvenzjonat Charles Sant kien tella' lill-vettura GAD 249 ghall-VRT darbtejn u l-vettura dejjem ghaddiet mit-test.

Illi l-attur rikonvenzjonat Francis Zammit kien habib kbir tieghu u gieli kienu jahdmu flimkien. Illi l-konvenut rikonvenzjonat Charles Sant kellu fidi ghamja fi Francis Zammit u kienet ghal din ir-raguni li trasferixxa diversi vetturi lilu - fosthom il-vettura GAD 249 - qabel ma thallas ghalihom - allavolja kien hemm ftehim fuq l-ammont stipulat ghal vetturi.

Illi meta l-vettura GAD 249 giet assenjata lill-attur rikonvenzjonat Francis Zammit, it-tifel tieghu Francis Zammit iverifika li n-numru fuq il-*logbook* kien l-istess ta' dak ta' fuq ic-*chassis* tal-vettura.

Illi l-attur rikonvenzjonat Francis Zammit ghamel diversi pagamenti akkont il-prezz tal-vettura mibjugh lilu mill-konvenut rikonvenzjonat Charles Sant, izda wara ftit beda jiskartah u tah *cheque* li ma setax jissarraf.

Illi l-konvenut rikonvenzjonat Charles Sant interpella lil Francis Zammit sabiex ihallas l-ammont dovut diversi drabi izda dan baqa' inadempjenti u flok hallas ipprezenta kawza fejn allega li l-kunsens tieghu ghall-bejgh kien karpit bi zball u li jezisti difett mohbi fil-vettura GAD 249. Illi Charles Sant jinnega dawn l-allegazjonijiet u qed jistitwixxi l-proceduri legali sabiex jithallas u jigu illikwidati d-danni li soffra minhabba Franciz Zammit.

Ghaldaqstant gie istitwit dan ir-rikors guramentat hekk kif jitlob l-**artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** sabiex jigu imhallas l-ammont dovut lil eccipjent, kif ukoll jigu illikwidati d-danni sofferti minnu.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-konvenuti rikonvenzjonati Charles u Priscilla konjugi Sant jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonati Francis Zammit u Emmanuela Zammit ma hallsux ghall-vettura GAD 249 mibjugha lilhom mill-konvenuti rikonvenzjonati.

2. Tordna illi l-atturi rikonvenzjonati Francis Zammit u Emmanuela Zammit ghandhom ihallsu l-prezz stipulat u miftiehem minnhom ghall-vettura fuq imsemmija lil konvenuti rikonvenzjonati, flimkien mal-ispejjes konnessi mal-bejgh u d-danni jekk ikun il-kaz.

3. Tillikwida s-somma hekk dovuta lill-konvenuti rikonvenzjonati Charles u Priscilla konjugi Sant, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi.

4. Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati Francis Zammit u Emmanuela Zammit jhallsu lill-konvenuti rikonvenzjonati Charles u Priscilla konjugi Sant is-somma hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja tal-vettura il-25 ta' Awwissu 2007 kontra l-atturi rikonvenzjonati, li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-**kontro-talba** tal-konvenuti rikonvenzjonati Charles Sant u Priscilla Sant (karti tal-identita` numri 165678M u 0054984M) a fol. 14 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tal-atturi Francis Zammit u Emmanuela Zammit ghall-kontro-talba tal-konvenut Charles Sant u Priscilla Sant fejn Francis Zammit (575750M) iddikjara li jaf personalment:

1. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni GAD 249 huwa affett minn difett mohbi serju li jaghmlu mhux tajjeb ghall-esponenti, u ghall-uzu li ghalih xtrawh minghand il-konjugi Sant.

2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, il-ftehim ghall-akkwist tal-imsemmi trakk huwa null u bla effett kif jinsab spjegat fil-premessi u t-talbiet tal-eccepjenti.

3. Illi konsegwentement il-prezz miftiehem ghall-bejgh tat-trakk imsemmi mhux dovut, u l-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom iroddu lura lill-esponenti l-prezz ga mhallas lilhom, flimkien mal-ispejjez konnessi mal-bejgh u d-danni li jirrizultaw pruvati fil-kors ta' din il-kawza.

4. Illi l-ispejjez konnessi mal-bejgh tat-trakk imsemmi ga thallsu mill-esponenti, u ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom jirrifondu l-istess lill-esponenti.

5. Illi f'kull kaz, l-esponenti ma ikkagunaw ebda danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti.

6. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, id-danni talvolta reklamabbli mill-konvenuti rikonvenzjonanti jikkonsistu fl-imghaxijiet fuq il-bilanc tal-prezz, li jista' jirrizulta ghadu dovut lilhom ghat-trakk imsemmi, mid-data li fiha jigi dikjarat li kellu jithallas dak il-bilanc.

7. Illi konsegwentement anke t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fil-ligi, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi Francis Zammit u Emmanuela Zammit ghall-kontro-talba tal-konvenut Charles Sant u Priscilla Sant a fol 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Phylis Aquilina ghall-attur u Dr. Christine Bellizzi ghall-konvenuti. Dr. Aquilina rrilevat li qed taghmel zewg azzjonijiet b'din il-kawza. Il-Qorti innominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frenzo a spejjez provizorjament atturi. Inghata digriet affidavit attrici ta' tletin (30) gurnata biex jigu iffissati mill-Perit Legali zewg seduti ghall-provi tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-24 ta' Marzu 2010; u l-verbal tat-28 ta' Frar 2012 fejn meta issejhet il-kawza dehru Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali li halfet ir-rapport, u Dr. Phyllis Aquilina ghall-attur li tablet taghmel nota ta' kritika. Il-Qorti

laqghet it-talba u tatha erbghin (40) gurnata minn dan il-verbal bin-notifika lill-kontro parti jew lid-difensur taghha li jkollha erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostaklu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo flimkien max-xhieda quddiemha prodotta u d-dokumenti hemmipprezentati; u r-rapport tal-istess Perit Legali Dr. Ramona Frendo li gie pprezenta fir-registru fl-20 ta' Ottubru 2011 u mahluf fis-seduta tat-28 ta' Frar 2012, l-istess rapport jinsab esebiti a fol 177 et seq tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 30 ta' April 2012 a fol 243 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datata 3 ta' Lulju 2012 a fol 254 tal-process fejn talbu lill-Qorti tikkoncedilhom sal-ahhar tax-xahar ta' Lulju 2012 biex ikunu jistghu jipprezentaw l-istess nota responsiva ghan-nota ta' kritika tar-rapport tal-Perit Legali; u l-Qorti rat li ma kienx hemm opposizzjoni u laqghet it-talba kif proposta, digiret moghti fil-5 ta' Lulju 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Charles Sant et datata 31 ta' Lulju 2012 a fol 256 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu sabiex jigi ddikjarat u deciz li t-trakk *Leyland Roadtrain* bin-numru ta'

registrazzjoni GAD 249, (a) huwa affett minn difett serju mohbi li ma jaghmlux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub u ghalhekk ghandu jkun hemm rifuzzjoni lura l-prezz gia mhallas, flimkien mal-ispejjez konnessi mal-bejgh u d-danni; (b) sabiex jigi ddikjarat u deciz li l-kunsens tal-attur ghal akkwist ta' dan it-trakk kien moghti bi zball, jew mehud b'ghemil doluz u li ghalhekk ma jiswiex u ghalhekk konsegwentement sabiex jigi ddikjarat u deciz li l-ftehim ta' akkwist huwa null u bla effett.

B'risposta ghal dawn it-talbiet, l-konvenuti eccepew li fir-rigward tal-ewwel talba li presumibilment hija l-*actio redhibitoria,* din hija preskritta ai termini tal-**artikolu 1431 tal-Kodici Civili** u li minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni ma kien jezisti ebda difett mohbi, meta din il-vettura giet ikkonsenjata lill-atturi u li minbarra dan huma kienu ghamlu l-verifiki kollha necessarji qabel ma sar it-trasferiment. Li t-talbiet tal-atturi li l-kunsens gie karpit b'qerq jew minhabba zball sostanzjali, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fl'ahharnett, il-konvenuti eccepew li l-atturi ma jistghux jitolbu r-rifuzjoni tal-pagament stante li l-istess atturi qatt ma hallsu l-ammont miftiehem.

Illi l-konvenuti ntavolaw kontro-talba, li fiha qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati ma hallsux ghal vettura li giet mibjugha lilhom, sabiex tordna lill-istess atturi rikonvenzjonati ihallsu l-prezz stipulat, flimkien mal-ispejjez konnessi mal-bejgh u d-danni jekk ikun il-kaz u ghalhekk sabiex din il-Qorti tillikwida din is-somma hekk dovuta u tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu s-somma hekk likwidata u dovuta.

L-atturi ghal din il-kontro-talba eccepew illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-vettura hija affetta minn diffett serju mohbi u li minghajr pregudizzju ghal dan il-ftehim bejn il-partijiet huwa null u bla effett. Konsegwentement ghal dan, l-atturi rikonvenzjonati jkomplu li l-prezz miftiehem mhux dovut u li huma l-konvenuti li ghandhom iroddu lura lill-esponenti l-prezz li gie mhallas lilhom. L-atturi jkomplu li ma kkagunaw l'ebda danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti u li minghajr pregudizzju, d-danni talvolta reklamabbli jikkonsistu fl-

imghaxijiet fuq il-bilanc tal-prezz, li jista' jirrizulta ghadu dovut lilhom, mid-data li fiha jigi ddikjarat li kellhu jithallas il-bilanc. Illi konsegwentement, t-tieni, t-tielet u r-raba` talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda.

L-ewwel konsiderazzjoni li ser taghmel din il-Qorti hija dwar il-multiplicita' tal-azzjonijiet proposti mill-atturi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jghidu li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-ligi taghti zewg rimedji differenti, jew l-*actio redhibitoria* ai termini tal-**artikolu 1424 tal-Kodici Civili** jew r-rimedju generali ghar-rexizzjoni tal-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens tal-attur, u dan *ai termini* tal-**artikolu 976 (1) u l-artikolu 1212 tal-Kodici Civili.** Ghalhekk ma hemm l'ebda kontradizzjoni legali fl-istanza tal-attur. In-negozju guridiku mertu ta' dawn iz-zewg rimedji huwa wiehed u uniku, ta' bejgh ta' mobbli, li f'data sussegwenti ghal konkluzzjoni tal-kuntratt irrizulta li ma setax jintuza ghal uzu li ghalih l-attur kien xtrah. Din l-iskoperta necessarjament tfisser li fil-mument tal-kuntratt, il-volonta tax-xerrej kienet nieqsa mill-gharfien mehtieg biex jaghti kunsens shih u validu.

Minn naha tieghu l-konvenut, dwar dan l-punt ma ghamilx sottomissjoni *ad hoc*, izda ghamel s-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ta' kull azzjoni.

Illi minhabba l-fatt li l-azzjoni attrici hija mibnija fuq zewgt azzjonijiet, l-konsiderazzjonijiet legali ghandhom jibdew minn dan il-punt. L-atturi qeghdin jghidu li l-kunsens taghhom kien moghti bi zball jew mehud b'ghemil doluz u li ghalhekk ma jiswiex. Min-naha l-ohra qeghdin ukoll jipproponu l-azzjoni redibitorja, ghaliex qeghdin jghidu li t-trakk kien affett minn diffett serju mohbi.

L-azzjoni redibitorja bhala wahda miz-zewg azzjonijiet ta' garanzija li huma moghtija lix-xerrej, timplika li l-bejgh kien jiswa u li kien gie finalizzat, li kieku ma jkunx hemm din ic-cirkostanza ta' difett li ma kienx jidher fil-mument li sar il-kuntratt. Ghalhekk il-bazi tal-azzjoni redibitorja ma tista' tkun qatt in-nullita` mill-bidu tal-kuntratt.

F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li z-zewgt azzjonijiet ma jistghux jigu pprezentati flimkien ghaliex f'dan il-kaz huma kontradittorji ghal xulxin u dan jirrizulta car minn dak li jinghad mill-Perit Legali f'pagni 42 u 43 tar-relazzjoni peritali u l-konsegwenza ta' dan hija l-azzjoni tigi ddikjarata mhux proponibbli ghaliex hija fiha nnfisha bbazata fuq zewgt azzjonijiet u premessi li huma kompletament kontradittorji ghal xulxin u ma jistghu bl-ebda mod jigu prezentati mill-istess attur, proprju ghaliex wahda ghandha element mod li tipprezumi l-validita' ta' kuntratt u l-ohra twassal sabiex jigi ddikjarat li qatt ma kien hemm kuntratt.

B'hekk anke fuq il-bazi tal-insenjament fis-sentenza **"Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina"** (P.A. (GV) din l-azzjoni attrici kif proposta ma tistax titnexxi u hawn din il-Qorti allura mhux qed taqbel ma' dak li kkonkludiet il-Perit Legali fuq dan l-aspett, proprju ghaliex l-atturi kellhom *se mai* jaghzlu t-triq li kellhom jiehdu u jipprocedu fuq l-istess u mhux jitfghu zewg azzjonijiet li flimkien ma jezistux u jaraw jekk wahda minnhom hux ser tirnexxi.

Illi dan huwa bbazat fuq il-principju *"selecta una via non datur percursus ad alteram"* u hawn issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Dianne Gatt et vs Vincent Said"** – A.C. – 23 ta' Frar 2001; **"Margaret Woodall vs Anthony Rapa"** (A.I.C. – 19 ta' Novembru 2001); **"Tereza Farrugia vs Guiseppi Camilleri"** – A.I.C. (PS) – 10 ta' Marzu 2004).

Mhux hekk biss izda skont il-gurisprudenza prevalenti l-unika azzjonijiet disponibbli lill-kompratur f'kuntratt ta' bejgh huma dawk l-*actio redibitoria* u/jew *aestimatoria* u l-azzjoni li l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita u mhux azzjonijiet ohra u hawn issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Cornelius Scifo Diamantino vs Meredian Enterprises Company Limited"** (P.A. (JRM) – 13 ta' Frar 2003); **"Renato Iannaci vs J & T Company Limited"** – P.A. (AJM) – 20 ta' Mejju 2002); **"Brian Mangion vs Mario Pulis et"** (P.A. (TM) – 20 ta' Ottubru 2005); **"John Borg vs Joseph Pace et"** – P.A. (DS) – 22

ta' Gunju 2001); **"Reuben Briffa vs Joseph Mallia"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002); u **"J.C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2002).

Minghajr preguduzzju ghal dak li gie deciz din il-Qorti xorta wahda ser titratta l-kawza taht iz-zewg binarji proposti mill-atturi. Fil-kawza fejn qed jigi allegat vizzju ta' kunsens jinghad li fejn dan ikun allegatament moghti bi zball, fil-kawza fl-ismijiet **"Charles Spiteri vs Associated Supplies Limited"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003 inghad li:-

*"Fir-rigward hi gurisprudenza pacifika illi biex jinvalida ftehim l-izball irid ikun sostanzjali, skuzabbli u determinanti. Dan tal-ahhar fis-sens li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kinetx taghti l-kunsens taghha kieku kienet taf il-verita`. (Ara "Michael* ***Cachia – vs- Dr. Frank X. Vassallo",*** *Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1961). Kwantu ghal kriterju tas-sostanzjalita` jinsab generalment ritenut li zball soggettiv jista' jkun bizzejjed (Vol* ***XXIV pI p1131; Vol XXXIV pIII p753).*** *Gie pero` aktar approfondit illi ghalkemm zbalji ta' natura soggettiva kapaci jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn "ma jikkostitwixxux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita' preciza, l-kwalita` intrinsika tal-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt" -* ***"Spiridione Cauchi vs Amelia Borg et",*** *Appell, 11 ta' Gunju 1992.*

*Fl-ahharnett, biex zball jitqies skuzabbli dan jigri meta jkun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra. Anke hawn pero` gie ritenut illi ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli (Vol* ***L pII p434)."***

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Piscopo vs Charles Filletti et"** (P.A. (PS) - 16 ta' Gunju 2003) inghad li:-

*"Issa l-Artikolu 975 (1) tal-Kapitolu 16 jippreciza li "l-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim."*

*Fuq dan il-gurisprudenza taghna hi konkordi billi tirritjeni illi, biex jinvalida ftehim, l-izball irid ikun sostanzjali u skuzabbli;*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Spiridione Cauchi vs Amalia Borg et",*** *Appell, 11 ta' Gunju 1992 gie rimarkat illi ghalkemm l-izbalji ta' natura soggettiva kkondizzjonaw il-kunsens ta' l-attur f'dak il-kaz "dawn ma jikkostitwux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita` preciza, il-kwalita` intrinsika ta' l-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt.";*

*Gie ritenut ukoll illi l-izball irid ikun ukoll determinanti jigifieri li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kinetx taghti l-kunsens kieku kienet taf il-verita`* ***("Michael Cachia –vs- Dr. Frank X. Vassallo",*** *Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1961;*

*Inoltre biex l-izball ikun skuzabbli irid ikun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra, kif hekk qed jigi wkoll allegat mill-attur f'dan il-kaz. Ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli* ***("Annunziata Busuttil –vs- Salvatore Busuttil",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Novembru 1966;*

*A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta.";*

*Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*

*Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li*

*kienu gravi –* ***"Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih";*

*Dan jattalja mal-hsieb traccjat fis-sentenza* ***"Giovanni Farrugia Gay –vs- Emmanuele Farrugia Gay",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 fejn jinghad li "occorre un elemento specifico costuito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente";*

*Naturalment kif jghid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla";*

*Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi;"*

Dwar din it-talba, l-perit legali kkonkludiet li l-atturi qeghdin jibbazaw din it-talba fuq il-fatt li l-konvenuti kienu jafu dwar id-difett fin-numru ta' *chassis* tal-vettura u li ghalhekk agixxew *in mala fede* ghaliex hbew dan il-fatt. Izda dak li rrizulta mill-provi huwa li meta l-vettura kienet ghadha fil-pussess tal-konvenut, dan per ezempju ghadda anke mit-test tal-VRT minghajr l-ebda problema. Ghalhekk il-perit legali kkonkludiet li ma ngabet ebda prova li l-konvenut agixxa *in mala fede*. Rigward it-talba tal-attur ghar-rexizzjoni *stante* li l-kunsens kien affett minn zball ta' fatt, l-perit legali tikkonkludi li matul il-gbir tal-provi rrizulta li dan huwa diffett li jista' jigi rimedjat facilment u li ghalhekk ma hemm l-ebda bazi legali ghal azzjoni attrici. Hawn issir riferenza ghax-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija prodotti bhala xhieda f'din il-kawza.

Illi din l-Qorti qeghda fuq dan l-aspett ( u biss ghall-grazzja tal-argument *in vista* ta’ dak ritenut dwar il-multiplicita tal-azzjonijietipprezentati – anke kontradittorji ghal xulxin kif fuq deciz) taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali, liema rapport fil-fatt ma giex kontradett mill-partijiet ghaliex ma saru l-ebda domandi in eskussjoni u lanqas ma kien hemm talba ghal periti addizzjonali. Ghalhekk it-tieni u t-tielet talba attrici qeghdin jigu michuda.

Dwar in kwantu t-talbiet attrici jirreferu ghall-azzjoni redibitorja, jinghad fl-ewwel lok li qabel ma jigi kkonsiderat dan il-fatt, trid tigi ezaminata l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti *ai termini* tal-**artikolu 1431**.

Rigward din l-eccezzjoni l-perijodu preskrittiv huwa ta’ sitt (6) xhur li jibda jiddekorri mid-data tal-konsenja jew jekk id-difett ma setax jinkixef, minn dakinhar li seta’ inkixef. Il-partijiet jaghtu zewg dati differenti meta fil-fatt giet ikkonsenjata l-vettura u l-perit legali ghazlet li tghazel id-data ndikata mill-attur, jigifieri Ottubru tas-sena 2007. Il-perit legali tkompli li l-atturi naqsu da parti taghhom meta ma ppruvawx jaghmlu t-trasferiment tal-vettura ghal fuq isimhom sa’ Lulju 2008, jigifieri kien hemm trapass ta’ disa (9) xhur bejn meta giet ikkonsenjata l-vettura u meta l-atturi marru biex jirregistraw din il-vettura ghal fuq isimhom.

Illi kif inghad skont l-artikolu 1431 (2), it-terminu sabiex issir l-azzjoni jibda jiddekorri minn zmien aktar tard mill-konsenja f’kazijiet meta d-difett ma setax jigi identifikat jekk mhux f’tali gurnata. Ghalhekk ix-xerrej irid jipprova li huwa kien impossibilitat li jiskopri d-difett qabel, haga li ma tapplikax ghal dan il-kaz. Ghaldaqstant il-perit legali kkonkludiet li din l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1431.**

Dwar din il-konkluzjoni, din il-Qorti tixtieq taghmel xi konsiderazzjonijiet, li fil-fatt semmiet ukoll il-perit legali, u dan in partikolari dwar id-data tal-konsenja. Fl-att promotur, l-atturi ma jindikawx data meta giet ikkonsenjata din il-vettura, filwaqt li l-konvenuti fil-kontro-talba taghhom isemmghu l-25 ta’ Awwissu 2007. L-attur Francis Zammit

in kontro-ezami (a fol. 49 tal-process) jghid li n-negozju mal-konvenut Sant sar fis-sajf, ghalkemm mbaghad a fol. 59 jghid li l-vettura giet f'idejh f'Ottubru tas-sena 2007. Izda mbaghad l-attur Zammit a fol. 52 tal-process, jerga' jghid li t-trakk kien fil-*yard* tieghu minn Lujlu tas-sena 2007.

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-fatt jekk it-terminu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data tal-kunsenja jew minn meta l-attur induna bid-difett, liema difett huwa li kien hemm zball fin-numru tac-*chassis.*

Fid-decizjoni fl-ismijiet **"Domenic Micallef vs Mizzi Brothers Limited"** (P.A. (JRM) - 29 ta' Settembru 2011) inghad:-

*"Illi, fis-sewwa, huwa meqjus li ż-żmien maħsub fl-artikolu 1431 m'huwiex daqstant żmien preskrittiv daqs kemm wieħed ta' dekadenza, b'mod li l-azzjoni trid tinbeda sa ma jagħlaq dak iż-żmien u ma jistax jitwal bil-ħruġ ta' att ġudizzjarju. Madankollu, fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas;"*

Illi wara dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qeghda taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali li l-azzjoni attrici hija preskritta. Illi kemm jekk il-vettura giet ikkonsenjata fis-sajf tas-sena 2007, jew f'Ottubru 2007, kien hemm trapass konsiderevoli ta' zmien qabel mal-attur ma ha l-passi necessarji sabiex isir it-trasferiment ta' din il-vettura fuq ismu. Illi in applikazzjoni tal-principji surriferiti, *"iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn*

*dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah"* – u ghalhekk *stante* li d-difett mohbi jirreferi ghal numru tac- *chassis*, difett li mill-provi jirrizulta li jista' jigi facilment rimedjat minghajr ebda riperkussjonijiet, l-attur seta' nduna b'dan id-difett malli, anke qabel ma ha in konsenja dan it-trakk li kieku huwa ghamel dawk il-verifiki necessarji u ragjonevoli biex jara li t-trakk kien regolari u li seta' jigi trasferit minghajr ebda intoppi. Izda l-attur m'ghamilx dan.

Ghaldaqstant l-azzjoni redibitorja intentata mill-attur hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1431 tal-Kodici Civili**.

Izda anke jekk ghall-grazzja tal-argument tigi maghzula d-data meta l-atturi saru jafu bl-allegat difett fit-trakk u cjoe' fil-15 ta' Lulju 2008 – mela allura anke jekk il-perjodu jibda' jiddekorri minn dak in-nhar, xorta wahda jirrizulta li tali perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur lahaq ghadda ghaliex il-kawza giet istitwita biss fit-22 ta' Jannar 2009 (ara pagni 49 u 51 tar-relazzjoni peritali – fol. 225 – fol. 226).

Illi issa se tigi trattata l-kontro-talba tal-konvenut. F'din il-kontro-talba, l-konvenut jippremetti li meta hu ghadda t-trakk lill-attur, it-tifel tal-attur kien ivverifika li n-numru fuq il-log-book kien l-istess numru li kien hemm fuq ic-chassis, li l-attur ghamel diversi pagamenti akkont tal-prezz, izda wara ftit waqaf u ta' cheque lill-konvenut li ma ssarrafx u ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-attur ma hallasx tat-trukk, sabiex tordna lill-attur ihallas il-prezz stipulat, flimkien mal-ispejjez konnessi mal-bejgh u d-danni jekk ikun l-kaz u konsegwentement sabiex tigi llikwidata din is-somma.

L-attur ghal din il-kontro-talba eccepixxa illi l-ewwel talba hija nfondata ghaliex il-vettura hija affetta b'difett mohbi serju; li l-ftehim ghal akkwist huwa ghalhekk null u fl-ahhar li l-prezz ghalhekk mhux dovut u li l-konvenut ghandu jirritorna dak li thallas.

Rigward il-kontro-talba, l-perit legali waslet ghal konkluzjoni, a fol. 234 tal-process, li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghal kontro-talba ghandhom jigu michuda ghal istess ragunijiet li nghataw aktar ‘il fuq ghat-talbiet tal-attur, minbarra l-fatt li gialadarba l-azzjoni redibitorja kienet perenta, din ma setghetx validament tigi sollevata bhala eccezzjoni.

Ghal dak li ghandu x’jaqsam mat-talbiet tal-kontro-talba, l-perit legali kkonkludiet li minbarra l-ammont ta’ elf tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezimi (€1,327.74), ammess bhala bilanc dovut mill-attur, l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw il-pretensjonijiet taghhom u dan japplika wkoll ghad-danni u l-ispjjez li huma alleggaw li nkorrew mal-bejgh tat-trakk.

Rigward it-talba ghal imghax legali, li skont il-konvenuti rikonvenzjonanti ghandu jibda jiddekorri mill-25 ta’ Awwissu 2007, l-perit legali kkonkludiet li dan ghandu jibda jiddekorri minn tletin jum wara d-data li t-trakk gie kkonsenjat lill-atturi. L-perit legali kkonsiderat li din id-data ghandha tkun minn Ottobru 2007, u li ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mit-30 ta’ Novembru 2007, u dan *ai termini* tal-**artikolu 26 C (2) tal-Kodici tal-Kummerc.**

Dwar din il-kontro-talba, l-atturi fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom issottomettew li hemm kontestazzjoni dwar il-prezz ta’ bejgh tat-trakk in kwistjoni u dwar il-prezz globali tal-ingenji. L-attur u uliedu kkonfermaw li l-prezz globali tan-negozju kien Lm 25,000, filwaqt li l-prezz tat-trakk kien ta’ Lm3,000.

Min-naha tieghu, l-konvenut l-ewwel qal li l-prezz globali kien Lm28,500 u wara fl-affidavit tieghu qal li l-prezz globali kien ta’ Lm 28,000, u li t-trakk in kwistjoni kien ta’ Lm3,500. Fl-ahhar, l-atturi ssottomettew li huma pproducew il-prova li l-pagamenti effettwati minnhom tammonta ghal Lm24,430, liema hlasijiet gew accettati mill-konvenuti. Ghalhekk l-atturi kkonkludew li t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom jigu michuda.

Min-naha taghhom, il-konvenuti rikonvenzjonanti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, jghidu li ghalkemm jaqblu mal-perit legali li m’hemmx qbil dwar il-*quantum*, a kuntrarju ghal dak li kkonkludiet il-perit legali, fl-affidavit tieghu l-attur jghid li t-trakkijiet kellhom jiswew Lm3,000 kull wiehed, u li s-somma ta’ Lm25,000 ma kinitx tinkludi t-*trailer* u lanqas s-sehem tax-xoghol ghal skavar li kien lahaq sar fil-fond tas-Sliema. Li ghalhekk skont il-konvenuti rikonvenzjonanti, gie ppruvat li apparti l-Lm25,000 li indika l-attur, kien hemm ammont ulterjuri ta’ Lm1,000 ghal xoghol li sar mill-istess konvenuti f’fond ta’ Sliema.

Din il-Qorti l-ewwelnett tosserva li *stante* li hija diga kkonsiderat u ddecidiet li l-ftehim ghal akkwist mhuwiex null, ma hemmx bzonn li tigi kkonsiderata t-tieni eccezzjoni.

Rigward l-ewwel eccezzjoni, kif anke kkonkludiet il-perit legali, jinghad illi l-azzjoni redibitorja ma tistax titqajjem bhala eccezzjoni. Hawn qed issir referenza ghal kawza citazzjoni numru 629/96 fl-ismijiet **“Alfred Grech vs Michael Abela”** kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottobru 2001, fejn il-Qorti tal-Appell irreferiet ghall-konsiderazzjonijiet tal-Prim Awla li qalet:-

*“Jinghad li skont il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna l-konvenut ma jistax jaghmel dak li ghamel f'din l-istanza. Infatti, gie ripetutament deciz li jekk il-persuna li jkollha favur taghha t- terminu ta dekadenza ma tkunx ezercitat l-azzjoni appozita a bazi tal-garanzija fit-terminu ta dekadenza, allura, dik il-persuna ma tistax teccepixxi d-difett favur taghha. Qalet l-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza taghha* ***"Neg. Charles Darmanin noe vs Giuseppe Baldacchino" (Vol. XXX.1.639):***

*"Illi, fuq din il-kwistjoni, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni redibitorja ghandha generalment tigi ezercitata permezz ta azzjoni, u wara li jkun ghadda z-zmien ta xahar stabbilit mil-ligi, ma tistax tigi moghtija lanqas permezz ta eccezzjoni, peress illi z-zmien ta xahar*

*stabbilit fl-artikolu 1145 (illum 1431) huwa zmien ta dekadenza."*

*F'din is-sentenza, kif ukoll f'sentenzi ohra tal-istess Onorabbli Qorti* ***(Pizzuto vs Refalo, Vol.XX.1.316; Ruggier vs German, XXX.1.377 u Arrigo vs Falzon, Vol. XXX11.1.508)*** *gie ritenut li dan it-terminu huwa terminu di rigore u intqal ukoll illi l-gurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil- kaz ta l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-Artikolu* ***1145*** *tal-Kodici Civili, hemm terminu ta dekadenza, u mhux ta preskrizzjoni vera u proprija, ghalkemm il-legislatur juza l-espressjoni ta preskrizzjoni.*

*F'sentenza, umbaghad, ferm elaborata u studjata tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc* ***"Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe" (Vol. XXXV111.11.723)*** *intqal dan:*

*"Meta d-dritt ghall-proposizzjoni tar-redibitorja jew ta l-estimatorja permezz ta azzjoni jkun spicca bid-dekors taz-zmien, la r- redibitorja u lanqas il-"quanti minoris" ma tkun tista' tigi mill- kompratur opposta "in via d'eccezzione", ghaliex in-nota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhux applikabbli in tema ta dekadenza"* ***(ara wkoll App. Civ. Cilia La Corte vs Galea, Vol.XX.1.280; P.A. Farrugia vs Azzopardi, XV1.111.75; Von Hare vs Caruana, Vol. X11.640; Colombo vs Pace, Vol. XV11.111.75; Ragonesi vs Misrahi, Vol. XXV111.111.1023, Colgnhour vs Butler, dec. 10.12.51; u Kum. Brown vs Gelfo, 6.02.36; George Peresso noe vs Victor Calleja noe, dec. 19.06.95).***

Din il-Qorti taqbel ghalhekk mal-konkluzjoni tal-perit legali u anke l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonati qed tigi michuda.

Dak li ghalhekk baqa' huwa dwar il-fatt jekk l-konvenut rikonvenzjonanti irnexxilux jipprova xi bilanc li ghad hemm dovut, minbarra anke spejjez u danni. Il-perit legali waslet ghall-konkluzjoni li l-uniku ammont li gie ppruvat li ghadu

dovut huwa elf tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezimi (€1,327.74).

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi li saru minn kull parti u tasal ghal l-istess konkluzjoni tal-perit legali. Kemm l-attur u kemm it-tifel tieghu jikkonfermaw aktar minn darba li l-prezz ghat-trakk mertu ta' din il-kawza kien ta' Lm3,000, u t-tnejn jikkonfermaw ukoll li l-bilanc li ghad fadal huwa ta' Lm570.

Da parti tieghu l-konvenut ghalkemm qieghed jitlob li jithallas il-bilanc li fadal fuq it-trakk u f'dan il-kuntest jidher li z-zewg partijiet ghamlu referenza estensiva ghal negozju iehor li kien hemm bejniethom, izda dan in-negozju mhuwiex rilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza li tirrigwarda biss trakk wiehed. Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-bilanc li ghad fadal huwa ta' elf tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezimi (€1,327.74) ekwivalenti ghal Lm574 fuq imsemmija.

Rigward it-talba ghad-danni, kif qalet tajjeb il-perit legali, ma saru l-ebda provi da parti tal-konvenuti li huma sofrew xi tip ta' dannu f'din is-sitwazzjoni kollha.

Fl-ahharnett ghal dak li jirrigwarda l-imghax legali li qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonanti, huwa jitlob li jinghata dan l-imghax mill-25 ta' Awwissu 2007. L-perit legali bl-applikazzjoni tal-**artikolu 26C (2) tal-Kodici tal-Kummerc**, ikkonkludiet li dan l-ammont ghandu jibda jiddekorri mit-30 ta' Novembru 2007.

Din il-Qorti, f'dan il-kaz ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali fejn applikat l-**artikolu 26C (2) tal-Kodici ta' Kummerc**. Dan l-artikolu japplika ghall-operazzjonijet bejn intraprizi, u l-**artikolu 26B** jghid li *"dan is-sub artikolu m'ghandux jirregola operazzjonijiet bejn konsumaturi",* u fl'ahhar l-**artikolu 26A** jghid li ammont dovut tfisser somma principali li kellha tithallas, skont kuntratt.

Din hija kawza bejn zewg persuni privati, u allura ma hemm ebda intrapriza jew socjeta` kummercjali involuta.

Izda jinghad ukoll u fuq kollox li fil-kontro-talba taghhom il-konvenuti rikonvenzjonanti ma ndikawx il-bilanc li kien ghad baqa tant li t-talba relattiva hija ghall-likiwidazzjoni tal-istess ammont u minhabba wkoll il-fatt li ma tirrizulta l-ebda interpellazzjoni ufficjali ghal hlas ta’ dan il-bilanc,

b’referenza ghal principju *“in liquidandis non fit mora”,* l-imghax ghandu jibda jiddekorri biss mid-data ta’ din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta u tiddeciedi** billi fir-rigward tat-talba attrici filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kontenuta fir-risposta guramentata tal-5 ta’ Marzu 2009 fis-sens li l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 1427** hija preskritta skont dak provdut fl-**artikolu 1431 tal-Kap. 16** u fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u dan in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma improponibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez tal-azzjoni attrici a karigu tal-atturi.

Illi ghall-istess motivi din il-Qorti dwar il-kontro-talba tal-konvenuti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li **tichad l-ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba’ eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati kontenuti fir-risposta guramentata taghhom datata 26 ta’ Marzu 2009,** u fil-waqt li **tichad it-tielet u r-raba’ talba tal-konvenuti fil-kontro-talba** taghhom ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, **tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba** tal-konvenuti rikonvenzjonanti fis-sens biss hawn deciz b’dan li:-

(1) Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati Francis u Emmanuela Zammit ma hallsux ghall-vettura GAD 249 mibjugha lilhom mill-konvenuti rikonvenzjonati.

(2) Tordna lill-atturi rikonvenzjonati Francis u Emmanuela Zammit ihallsu l-bilanc li fadal jithallas mill-prezz ta’ l-istess vettura GAD 249 indikata fl-ammont ta’ elf tlett mija

u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezimi (€1,327.74).

Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-atturi hlief dawk tat-tielet u r-raba’ talba tal-kontro-talba li huma a karigu tal-konvenuti, u bl-imghax legali kontra l-atturi mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------